MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 50/2003

**Avviz numru 50/2003DM**

**Borg Cold Stores Import & Distribution Limited**

**vs**
**Tumas Goup Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema il-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghal hlas tas-somma ta' elf mija u sebgha u erbghin Lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm1,147.18) ammont rapprezentanti prodotti ta' l-ikel u merkanzija ohra lilhom mibjughin u kkonsenjati, liema hlas baqa' ma sarx.

Bl-ispejjez u interess kummercjali mid-data tal-konsenja relattiva sal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l- konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma deher rapprezentant taghhom biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni;

.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' elf, mija sebgha u erbghin Lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm1,147.18) rapprezentanti prezz ta' prodotti ta' l-ikel u merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuti bl-imghaxijiet legali b'effett mil-21 ta' Jannar 2003;

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------